# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Annwali tal-Lokalita'

**It-Tlieta 15 ta' April 2024**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-sitta u nofs (6.30pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Marija Sara Vella Gafà – Sindku
Marija Micallef – Viċi Sindku
Angelo Agius – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
Audrey Amri Brincat – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali – Il-Gudja - Local Council
88, Triq Raymond Caruana, Il-Gudja
Tel: 21672020; Fax: 21664646; email: gudja.lc@gov.mt
Sindku: MS Vella Gafà; Viċi-Sindku: M. Micallef Kunsilliera: S. Caruana , A. Amri Brincat u A.Agius

AĠENDA

113.01 Preżentazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2023 u Pjan ta' Ħidma;

113.02 Rapport Finanzjarju 2023;

113.03 Mistoqsijiet u Suġġerimenti;

113.04 Tmien tal-Laqgħa

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Marija Sara Vella Gafa ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sebgħa neqsin kwart ta' filgħaxija (06:45pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**113.01 Preżentazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2023 u Pjan ta' Ħidma;**

Is-Sindku qrat ir-Rapport Amministrattiv għas-sena 2023 u l-Pjan ta' Ħidma għal matul is-snin li ġejjin. F'dan ir-rapport ġew moqrija lista ta' xogħlijiet li saru matul is-sena 2023 u lista ta' dawk ix-xogħlijiet u proġetti li maħsuba jsiru li għalihom il-Kunsill diġa' kiseb xi fondi.

**113.02 Rapport Finanzjarju 2023;**

Is-Sindku preżentat ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2023. Is-Sindku tat rendikont qasir ta' dan ir-rapport lil dawk preżenti.

**113.03 Mistoqsijiet u Suġġerimenti;**

Is-Sindku talbet lir-residenti preżenti jekk għandhomx xi mistoqsijiet u suġġerimenti dwar dan li ġie preżentat fil-laqgħa.

Resident talab sabiex isir zebra crossing u xi bollards fi Triq Bir Miftuħ u Triq Pietro Cagliardi għal fatt li fi Triq daqshekk twila hemm zebra cross biss f' tarf ta' triq.

L-istess resident talab sabiex jiġu nstallati bins fiż-żona tal-Qalb ta' Ġesu fi Triq Bir Miftuħ.

Residenta oħra staqsiet jekk hux ser ikun hemm bdil ta' direzzjoni ta' traffiku Triq San Ċiru peress li din ser toħloq inkonvenjent minn jogħqod naħa ta' Vjal it-Torri. Dwar dan is-Sindku qalet li ser tiġi diskussa ma' TM.

Resident staqsa dwar l-iskema ta' parkeġġ fil-Gudja u l-problema li qed ikollhom residenti Gudjani minħabba li jitħallew karrozzi għal ċertu tul ta' żmien.

Resident ieħor għamel referenza għall-proġett tal-pjazza minħabba nuqqas ta' parkeġġ.

Is-Sindku rringrazzjat lil dawk ir-residenti li attendew għal din il-laqgħa.

## 113.04 Tmiem tal-Laqgha

I-Laqgħa ntemmet fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7.30pm)

Konfermati illum it-Tnejn 27 ta' Mejju 2024

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella Gafà
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv